PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2008/2020(INI)

12.2.2009

ABBOZZ TA' RAPPORT

bi proposta għal rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew lill-Kunsill dwar rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew lill-Kunsill dwar il-problema tat-tfassil tal-profil, b'mod partikulari fuq bażi ta' etniċità u razza, fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, fl-infurzar tal-liġi, l-immigrazzjoni u l-kontroll tad-dwana u tal-fruntieri
(2008/2020(INI))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Sarah Ludford

PR_INI_art114

WERREJ

Paġna

PROPOSTA GĦAL RAKKOMANDAZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW LILL-KUNSILL 3

PROPOSTA GĦAL RAKKOMANDAZZJONI LILL-KUNSILL (B6-0483/2007).....12

PROPOSTA GĦAL RAKKOMANDAZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW LILL-KUNSILL

dwar rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew lill-Kunsill dwar il-problema tat-tfassil tal-profili, b'mod partikulari fuq bażi ta' etniċità u razza, fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, fl-infurzar tal-liġi, l-immigrazzjoni u l-kontroll tad-dwana u tal-fruntieri (2008/2020(INI))

Il-Parlament Ewropew,

– – wara li kkunsidra l-proposta għal rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew lill-Kunsill minn Sarah Ludford f'isem il-Grupp ALDE dwar il-problema tat-tfassil tal-profili, b'mod partikulari fuq bażi ta' etniċità u razza, fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, fl-infurzar tal-liġi, l-immigrazzjoni u l-kontroll tad-dwana u tal-fruntieri (B6-0483/2007),

– wara li kkunsidra l-istrumenti internazzjonali, Ewropej u nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem: b'mod partikulari għall-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (ICCPR); il-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali (ECHR); tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea; it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea (Trattat tal-KE); il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-Karta) u l-kostituzzjonijiet nazzjonali tal-Istati Membri, u għad-drittijiet u l-garanziji li dawn jagħtu lill-individwi fil-qasam tal-privatezza, il-protezzjoni tad-dejta, in-nuqqas ta' diskriminazzjoni u l-moviment ħieles,

– wara li kkunsidra l-miżuri Ewropej dwar il-protezzjoni tad-dejta mill-Kunsill tal-Ewropa: **L-Artikolu 8 tal-ECHR, il-Konvenzjoni 108 tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Ħarsien tal-Individwi fir-rigward tal-Proċess Awtomatiku tad-Dejta Personali, ir-Rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa lill-Istati Membri R(87)15 li jirregolaw l-użu tad-dejta personali fis-settur tal-pulizija[1], R (97) 18 rigward il-protezzjoni tad-dejta personali miġbura u pproċessata għal raġunijiet ta' statistika[2] u R(2001) 10 dwar il-Kodiċi Ewropew tal-Etika tal-Pulizija[3],**

– wara li kkunsidra d-dispożizzjonijiet tal-UE dwar il-protezzjoni tad-dejta: L-Artikolu 7 u 8 tal-Karta, id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-ħarsien ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment ħieles ta' din it-tip ta' dejta[4], u d-Deċiżjoni ta' Qafas tal-Kunsill 2008/977/JHA tas-27 ta' Novembru 2008 dwar il-ħarsien ta' dejta personali pproċessata fil-qafas tal-koperazzjoni bejn il-pulizija u l-ġudikatura fi kwistjonijiet kriminali[5],

[1] Adottata mill-Kumitat tal-Ministri fis-17 ta' Settembru 1987 fl-410 laqgħa tad-Deputati tal-Ministri.
[2] Adottata mill-Kumitat tal-Ministri fit-30 ta' Settembru 1997 fis-602 laqgħa tad-Deputati tal-Ministri.
[3] Adottata mill-Kumitat tal-Ministri fid-19 ta' Settembru 2001 fis-765 laqgħa tad-Deputati tal-Ministri.
[4] ĠU L 281, 23.11.1995, p.31
[5] ĠU L 350, 30.12.2008, p.60

– wara li kkunsidra l-miżiuri kontra d-diskriminazzjoni razzjali: il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar l-Eliminazzjoni ta' kull forma ta' Diskriminazzjoni Razzjali (ICERD), l-Artikolu 14 u l-Protokoll 12 tal-ECHR, l-Artikolu 13 tat-Trattat tal-KE u d-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni rrispettivament mir-razza jew l-orġini etnika,

– wara li kkunsidra l-istrumenti tal-UE fil-qasam tas-sigurtà u l-ġlieda kontra t-terroriżmu, inkluża l-koperazzjoni bejn il-pulizija u l-ġudikatura kif ukoll l-iskambju ta' informazzjoni u tagħrif sigriet, bħad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/671/1/JHA dwar l-iskambju ta' informazzjoni u l-koperazzjoni fir-rigward ta' reati terroristiċi[1], id-Deċiżjoni ta' qafas tal-Kunsill 2006/960/JHA tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-simplifikar tal-iskambju ta' informazzjoni u ta' tagħrif sigriet bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea[2], id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/JHA tat-23 ta' Ġunju 2008 dwar it-tisħiħ tal-koperazjoni transkonfinali, b'mod partikulari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u r-reati transkonfinali[3] u d-Deċiżjoni ta' implimentazzjoni tagħha 2008/616/JHA tat-23 ta' Ġunju 2008[4];

– wara li kkunsidra l-bażijiet ta' dejta eżistenti u ppjanati tal-UE bħas-Sistema ta' Informazzjoni Schengen, Eurodac u s-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża, kif ukoll il-miżuri bijometriċi tal-ġbir tad-dejta bħal dawk għall-permessi ta' residenza u passaporti, li se jippermettu wkoll il-ħolqien ta' bażijiet tad-dejta,

– wara li kkunsidra l-proposta biex tinħoloq l-'e-borders' kif imsemmi fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Inħejju għall-pass li jmiss fil-ġestjoni tal-fruntieri fl-Unjoni Ewropea", fejn l-immaniġġjar integrat tal-fruntiera li jbassar il-ħolqien ta' kontrolli awtomatizzati mal-fruntiera inklużi programm ta' vvjaġġar reġistrat u sistema ta' dħul-ħruġ huma proposti,[5]

– wara li kkunsidra l-Ftehima bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika dwar l-ipproċessar u t-trasferiment ta' dejta dwar ir-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) mil-linji tal-ajru lid-Dipartiment tas-Sigurtà Interna tal-Istati Uniti (DHS) (2007 Ftehima tal-PNR)[6], u għal proposta għal deċiżjoni ta' qafas tal-Kunsill dwar l-użu ta' Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) għal raġunijiet ta' infurzar tal-liġi[7] kif ukoll għal opinjonijiet dwar din il-proposta mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali), il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta u l-Artikolu 29 tal-Grupp ta' Ħidma u l-Grupp ta' Ħidma dwar il-Pulizija u l-Ġudikatura,

– wara li kkunsidra l-każistika nazzjonali rilevanti bħad-Deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali

[1] ĠU L 253, 29.9.2005, p.22
[2] ĠU L 386, 29.12.2006, p.89
[3] ĠU L 210,6.8.2008, p.1.
[4] ĠU L 210,6.8.2008, p. 12.
[5] COM(2008) 0069.
[6] ĠU L 204, 4.8.2007, p. 18.
[7] COM(2007) 0654.

Ġermaniża dwar il-*polizeiliche präventive Rasterfahndung*[1] u s-sentenza tal-House of Lords tar-Renju Uniti dwar ir-Roma Ċeki[2] u l-każistika tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem (ECtHR), b'mod partikulari *Timishev v. Russia*[3]**,** *Nachova et v. Bulgaria*[4]*, D.H et v. the Czech Republic*[5] u *S. and Marper v. the United Kingdom*,[6] u l-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej, b'mod partikulari f'*Huber v. Germany*,[7]

– wara li kkunsidra r-rapport tar-Rapporteur Speċjali tan-NU Martin Scheinin[8] dwar il-promozzjoni u l-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, għall-karta dwar "Il-ħarsien tad-dritt għall-privatezza fil-ġlieda kontra t-terroriżmu" mill-Kummissarju tal-Kunsill tal-Ewropa għad-Drittijiet tal-Bniedem Thomas Hammarberg[9], għar-Rakkomandazzjonijiet tal-Politika Ġenerali Nru 8 dwar il-Ġlieda kontra r-Razziżmu waqt il-ġlieda kontra t-terroriżmu[10] u Nru 11 dwar il-Ġlieda kontra r-razziżmu u d-diskriminazzjoni razzjali fil-politika[11] tal-Kummissjoni Ewropea kontra r-Razziżmu u l-Intolleranza (ECRI) tal-Kunsill tal-Ewropa u għar-rapport dwar "It-tfassil tal-profil Etniku" min-Netwerk tal-Unjoni Ewropea tal-Esperti Indipendenti dwar id-Drittijiet Fundamentali[12],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 114(3) u l-Artikolu 94 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A6-0000/2008).

It-tfassil ta' profil u t-tiftix ta' tagħrif

A. Billi l-prattika tat-tfassil tal-profil, li spiss hija mwettqa permezz ta' 'tiftix' awtomatiku ta' dejta miżmuma fil-kompjuter, tirrikjedi analiżi ladarba b'mod kontroversjali tmur lilhinn mir-regola ġenerali li d-deċiżjonijiet dwar l-infurzar tal-liġi għandhom ikunu bbażati fuq il-kondotta personali ta' individwu; it-tfassil tal-profil hija teknika investigattiva li tieħu informazzjoni minn diversi sorsi dwar nies, liema informazzjoni tista' tinkludi l-etniċità, ir-razza, in-nazzjonalità u r-reliġjon tagħhom, bħala l-bażi biex isir tentattiv ta' identifikazzjoni u potenzjalment jiġu sanzjonati dawk fosthom li jistgħu jkunu kriminali jew suspettati terroristi, u jistgħu jiġu definiti bħala:

'l-assoċjazzjoni sistematika ta' sett ta' karatteristiċi fiżiċi, psikoloġiċi u ta' mġiba ma' offiżi partikulari u l-użu tagħhom bħala bażi biex jittieħdu deċiżjonijiet li jinfurzaw il-liġi'[13]

---

[1] Deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali Ġermaniża, BVerfG, 1 BvR 518/02 of 4.4.2006, Absatz-Nru. (1-184).
[2] House of Lords, 9 ta' Diċembru 2004, R v. Immigration Office fl-ajruport ta' Praga et (Konvenuti) ex parte Ċentru Ewropew għad-Drittijiet tar-Roma et (Appellant) [2004], UKHL 55, paragrafu 101.
[3] *Timishev v. Russia*, 13 ta' Diċembru 2005, nos.. 55762/00 u 55974/00, ECHR 2005-XII.
[4] *Nachova et v. Bulgaria* [GC], 26 ta' Frar 2004, nos. 43577/98 u 43579/98, ECHR 2005-VII.
[5] *D.H. et v. the Czech Republic*, 13 ta' Novembru 2007, nru. 57325/00.
[6] *S. and Marper v. the United Kingdom*, 4 ta' Diċembru 2008, nos. 30562/04 u 30566/04.
[7] Każ C-524/06, [2008] ECR I-0000.
[8] Dokument tan-NU A/HRC/4/26, 29 ta' Jannar 2007.
[9] CommDH/Issue Paper (2008)3, Strasburgu 17 ta' Novembru 2008.
[10] CRI (2004) 26, adottata fis-17 ta' Marzu 2004.
[11] CRI (2007) 39, adottata fid-29 ta' Ġunju 2004.
[12] CFR-CDF, Opinjoni 4.2006, disponibbli f' http://ec.europa.eu/justice_home/cfr_cdf/doc/avis/2006_4_en.pdf.
[13] Opinjoni dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali dwar il-proposta għal Deċiżjoni ta'

jew, tagħmel ir-relazzjoni bejn it-tfassil tal-profil u t-tiftix tat-tagħrif aktar ċara:

'teknika li biha sett ta' karatteristiċi ta' klassi partikulari ta' nies tkun dedotta mill-esperjenza tal-passat, u l-postijiet fejn tinżamm l-informazzjoni mbagħad tkun imfittxija għal individwi li jaqblu mill-qrib ma' dak is-sett ta' karatteristiċi'[1];

B. Billi t-tfassil tal-profil, li għandu bażi razzjali u etnika speċifika u għalhekk iqajjem tħassib kbir dwar kunflitt ma' normi mhux diskriminatorji, jista' jiġi definit bħala:

"il-prattika tal-użu tar-'razza' jew l-oriġini etnika, ir-reliġjon, jew l-oriġini nazzjonali, bħala l-uniku fattur, jew bħala wieħed minn diversi fatturi fid-deċiżjonijiet tal-infurzar tal-liġi, fuq bażi sistematika, kemm jekk l-individwi kkonċernati huma identifikati permezz ta' mezzi awtomatizzati, u kemm jekk mhumiex"[2]

jew

"l-użu mill-pulizija, mingħajr ġustifikazzjoni oġġettiva jew raġonevoli, ta' sisien bħar-razza, il-kulur, il-lingwa, ir-reliġjon, in-nazzjonalità jew l-oriġini nazzjonali jew etnika, f'ħidmiet ta' kontroll, sorveljanza jew investigazzjoni"[3];

C. Billi t-tfassil tal-profil, kemm permezz tat-tiftix tat-tagħrif jew permezz tal-prattiki tal-pulizija jew aġenziji oħra, qiegħed jiżdied dejjem aktar għall-infurzar tal-liġi u l-kontroll tal-fruntiera, mhux qed tingħata biżżejjed attenzjoni għall-evalwazzjoni tal-effettività tiegħu u għall-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' salvagwardji legali li jiżguraw ir-rispett għad-drittijiet tal-privatezza u l-evitar tad-diskriminazzjoni;

D. Billi l-profili jistgħu jkunu:

i) *deskrittivi,* meta jkunu bbażata fuq xhieda u tagħrif ieħor dwar min ikkommetta reat jew karatteristiċi ta' reati li ġew imwettqa, u għalhekk jappoġġjaw l-arrest ta' suspettati speċifiċi jew l-identifikazzjoni ta' attivitajiet kriminali attwali li jsegwu l-istess mudell; jew

ii) *ta' tbassir,* meta jagħmlu korrelazzjonijiet bejn varjabbli osservati minn avvenimenti tal-passat u dejta attwali u informazzjoni sigrieta sabiex isiru inferenzi li huwa mifhum li jgħinu biex jiġu identifikati dawk li jistgħu jkunu involuti f'xi reat fil-ġejjieni jew li għadu ma ġiex skoprut[4];

Qafas tal-Kunsill u l-użu ta' dejta tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) għall-iskop tal-infurzar tal-liġi, paragrafu 35.

[1] Rapport tal-House of Lords: Clarke R, Profiling: A Hidden Challenge to the Regulation of Data Surveillance, 1993, para 33, nota tal-qiegħ 41.

[2] De Schutter, Oliver u Ringelheim, Julie (2008), "Ethnic Profiling: A Rising Challenge for European Human Rights Law," *Modern Law Review*, 71(3):358-384.

[3] Il-Kummissjoni Ewropea kontra r-Razziżmu u l-Intolleranza (ECRI) Rakkomandazzjoni tal-politika Ġenerali Nru 11, imsemmija hawn fuq, paragrafu 1.

[4] Rapport tar-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar il-promozzjoni u l-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali waqt il-ġlieda kontra t-terroriżmu, paragrafu 33.

Obbligi legali

E. Billi l-infurzar tal-liġi għandu dejjem isir fir-rispett tad-drittijiet fundamentali, inklużi d-drittijiet għall-ħajja privata u familjari, il-ħarsien tad-dejta personali u n-nuqqas ta' diskriminazzjoni; jemmen li waqt li koperazzjoni internazzjonali mill-qrib hija essenzjali fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u rati serji, kull koperazzjoni ta' dan it-tip trid tikkonforma mal-liġi internazzjonali kif ukoll man-normi u l-valuri Ewropej dwar trattament ugwali u protezzjoni legali xierqa, sabiex l-UE ma tnaqqasx il-kredibilità tagħha bħala promotriċi tad-drittijiet tal-bniedem internazzjonali;

F. Billi kemm it-tfassil tal-profil deskrittiv u ta' tbassir, jistgħu jkunu għodda investigattiva leġittima, meta dawn ikunu bbażati fuq tagħrif speċifiku, affidabbli u f'waqtu li jirrifletti "fatturi li huma statistikament ippruvati li jaqblu ma' ċertu kondotta kriminali"[1] u meta l-azzjonijiet meħuda abbażi ta' dawn il-profili jiltaqgħu mat-testi legali tan-neċessità u l-proporzjonalità;

G. Billi, il-gwida fil-Kodiċi ta' Etika tal-Pulizija li *'l-investigazzjonijiet tal-pulizija għandhom bħala minimu jkunu bbażati fuq suspett raġonevoli ta' offiża jew reat li seħħ jew possibbli li jseħħ*', u billi huwa mistqarr li probabilità ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem[2] li jheddu d-drittijiet tal-individwu u s-soċjetà bħala tali tiġi min-nuqqas ta' dan is-suspett raġonevoli, meta t-tfassil tal-profil huwa bbażat fuq sterjotipi jew prejudizzju;

H. Billi 'it-tfassil tal-profil bħala tbassir', juża profili wiesgħin żviluppati permezz ta' tqabbil bejn bażijiet tad-dejta u jirriflettu ġeneralizzazjonijiet mhux ippruvati jew xejriet ta' mġiba meqjusa li probabbli jindikaw lill-kummissjoni b'xi reat jew att terroristiku futur jew li għadu ma ġiex skopert iqajjem tħassib serju rigward il-privatezza u jista' jikkostitwixxi kuntrast mad-drittijiet għar-rispett tal-ħajja privata skont l-Artikolu 8 tal-ECHR u l-Artikolu 7 tal-Karta[3];

I. Billi l-każistika tal-ECtHR tagħmilha ċara li d-derogi skont l-Artikolu 8(2) ECHR huma permessi biss jekk ikunu f'konformità mal-liġi u neċessarji f'soċjetà demokratika, kif ikkonfermat fis-sentenza reċenti tagħha ta' *S. and Marper v. the United Kingdom*, imsemmija hawn fuq, fejn ġiet mistqarra vjolazzjoni tal-Arikolu 8 tal-ECHR "in-natura komprensiva u indiskriminatorja *(...)* tas-setgħat taż-żamma tal-marki tas-swaba', tal-kampjuni taċ-ċelluli u tal-profili tad-DNA ta' persuni ssuspettati li ma jkunux għadhom instabu ħatja";

J. Billi s-sejba tal-ECtHR f'*S. and Marper v. the United Kingdom,* imsemmi hawn fuq, ta' 'riskju ta' stigma' mill-fatt li persuni li ma jiġux ikkundannati li wettqu reat jiġu ttrattati bl-istess mod bħall-kriminali kkundannati fil-bażi tad-dejta tad-DNA tar-Renju Unit għandha

---

1

2 Idem. paragrafu 33. Ara wkoll ir-rapport dwar "Ethnic Profiling" tal-UE. Network of Independent Experts on Fundamental Rights, , imsemmi hawn fuq, p. 9-13.

3 Opinjoni dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali dwar il-proposta għal Deċiżjoni ta' Qafas tal-Kunsill dwar l-użu ta' dejta tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) għall-iskop tal-infurzar tal-liġi, paragrafu 4.

tqajjem ukoll kwistjonijiet dwar il-legalità ta' operazzjonijiet ta' tfassil tal-profil bbażati fuq l-ipproċessar ta' dejta personali ta' persuni li ma jkunux instabu ħatja mill-qrati[1];

K. Billi l-programm *Rasterfahndung*, li fih l-awtoritajiet tal-pulizija Ġermaniża ġabru rekords personali minn bażijiet tad-dejta pubbliċi u privati ta' irġiel bejn it-18 u l-40 sena li kienu studenti jew ex-studenti ta' fidi (preżunta) Iżlamika f'tentattiv (bla suċċess) biex jiġu identifikati suspettati terroristi tqies li jmur kontra l-kostituzzjoni mill-Qorti Kostituzzjonali Ġermaniża fid-deċiżjoni tagħha msemmija hawn fuq, li ddeċidiet li t-tiftix tat-tagħrif huwa intrużjoni illegali fid-dejta personali u l-privatezza li ma tistax tkun iġġustifikata bħala reazzjoni għal sitwazzjoni ta' theddida ġenerali tat-tip li kontinwament eżistiet fir-rigward tal-attakki terroristiċi sa mill-9/11, iżda teħtieġ li jkun hemm "periklu konkret" bħat-tħejjija jew it-tqabbid biex isiru attakki terroristiċi;

L-Effettività

L. Billi ntefa dubju dwar l-utilità ta' tiftix tat-tagħrif u tfassil tal-profil f'bosta studji Amerikani fosthom:

(i) Studju mill-Istitut Cato osserva:

"għalkemm it-tiftix tat-tagħrif għandu ħafna użi ta' valur, mhuwiex ideali fir-rigward tal-problema marbuta mal-kxif tat-terroristi. Ikun ħażin jekk it-tiftix tat-tagħrif biex jinkixfu t-terroristi kellu jiġi aċċettat fi ħdan is-sigurtà nazzjonali, l-infurzar tal-liġi u l-oqsma tat-teknoloġija għaliex l-użu tiegħu għat-tiftix tat-tagħrif iwassal biex jinħlew il-flus ta' min iħallas it-taxxa, jikser mingħajr bżonn il-privatezza u l-libertajiet ċivili, u jindirizza ħażin ħin u enerġija ta' valur tal-irġiel u n-nisa fil-komunità tas-sigurtà nazzjonali"2;

(ii) Studju tal-Kunsill tar-Riċerka Nazzjonali tal-Istati Uniti dwar it-tiftix tat-tagħrif u t-teknoloġiji ta' kontroll tal-imġiba għad-Dipartiment tas-Sigurtà Interna kkonkluda li:

"*identifikazzjoni awtomatizzata tat-terroristi permezz ta' tiftix tat-tagħrif...la hija possibbli bħala objettiv u lanqas mixtieqa bħala għan ta' sforzi ta' żvilupp teknoloġiku.*[3];

M. Billi l-effettività tat-tiftix tat-tagħrif hija mdgħajfa mill-problema tax-"xagħra fl-għaġina" li jaffaċċjaw l-analisti biex jiffiltraw kwantità kbira ta' dejta disponibbli; sa tal-punt li 't-traċċi diġitali' li jitħallew miċ-ċittadini li jirrispettaw il-liġi huma ħafna aktar minn tal-kriminali u t-terroristi li jagħmlu sforzi kunsiderevoli biex jaħbu l-identità tagħhom; u li hemm rati sinifikanti ta' 'pożittivi foloz' u li b'hekk mhux biss persuni totalment innoċenti jaqgħu taħt suspett u li jirriżulta fi ksur potenzjali tal-privatezza individwali tagħhom talli suspetti reali sadanittant jibqgħu mhux identifikati;

[1] Sentenza tal-ECtHR fil-każ S. and Marper v. the United Kingdom , imsemmi hawn fuq, *paragrafu 125.*
[2] Analiżi tal-Politika tal-Istitut Cato Nru 584, 11 ta' Diċembru 2006, *'Effective Terrorism and the limited role of predictive data-mining'* minn Jeff Jonas u Jim Harper.
[3] "Protecting Individual Privacy in the Struggle Against Terrorists: A Framework for Program Assessment. Spjegazzjoni eżekuttiva qasira b'xejn disponibbli hawnhekk http://www.nap.edu/catalog/12452.html, paġna 4.

N. Billi l-problema bil-kontra hija l-possibilità li ma jinqabdux perpetraturi li ma jaqblux mal-profil, pereżempju l-mexxej wara l-bombi ta' Londra fis-7 ta' Lulju 2005 li "kien ġibed l-attenzjoni tas-servizzi ta' informazzjoni bħala assoċjat ma' rġiel oħra li kienu suspettati b'involviment fi pjan terroristiku marbut mal-isplużjonijiet ta' bombi...iżda...ma ġiex imfittex għaliex ma' qabilx biżżejjed mal-profil ta' suspettat terrorist ta' qabel Lulju 2005"[1];

O. Billi t-tfassil tal-politika li tmur kontra r-relazzjoni tajba tal-komunità u taljena ċerti komunitajiet milli jikkoperaw mal-aġenziji tal-infurzar tal-liġi jkunu kontroproduċenti fil-ġbir ta' informazzjoni sigrieta u azzjoni effettiva kontra l-kriminalità u t-terroriżmu[2];

P. Billi l-ġbir effiċjenti ta' informazzjoni dwar suspetti speċifiċi u li s-segwitu ta' suspetti partikulari huma l-aħjar approċċ biex jinsab u jkun evitat it-terroriżmu, u apparti dan isiru verifiki sporadiċi u kontrolli li jaffettwaw lil kulħadd bl-istess mod u huma impossibbli għat-terroristi biex jevitawhom jistgħu jkunu aktar effettivi mit-tfassil tal-profil fi sforzi ta' prevenzjoni kontra t-terroriżmu[3];

Tfassil tal-profil skont l-etniċità

Q. Billi l-użu tal-etniċità, l-oriġini nazzjonali jew ir-reliġjon bħala fatturi fl-investigazzjonijiet tal-infurzar tal-liġi mhumiex prekluži sakemm dawn l-użi jikkonformaw ma' standards mhux diskriminatorji, inkluż l-Artikolu 14 tal-ECHR, iżda li jrid jgħaddi l-livelli ta' skrutinju ta' effettività, neċessità u proporzjonalità jekk għandu jikkostitwixxi differenza leġittima ta' trattament li ma jikkostitwix diskriminazzjoni;

R. Billi t-tfassil tal-profil ibbażat fuq suppożizzjonijiet sterjotipiċi jistgħu jżidu s-sentimenti ta' ostilità u ksenofobija fil-publiku ġenerali lejn persuni ta' ċerta etniċità, nazzjonalità jew sfond relilġjuż[4];

S. Billi l-każistika tal-ECHR stabbiliet li fejn ir-razza tikkostitwixxi bażi esklussiva għall-ħidma tal-infurzar tal-liġi, din titqies bħala diskriminazzjoni pprojbita[5]; għalkemm ifakkar li fil-prattika mhuwiex dejjem ċar jekk ir-razza jew l-etniċità kinitx il-bażi esklussiva jew deċiżiva għal azzjoni ta' dan it-tip u spiss huwa biss meta jkunu anlizzati x-xejriet tal-prattiki tal-infurzar tal-liġi li l-piż predominanti ta' dawn il-fatturi joħroġ l-aktar;

T. Billi filwaqt li ma hemm ebda norma internazzjonali jew Ewropea li espressament tipprojbixxi 'it-tfassil tal-profil etniku', il-każistika tal-ECtHR tissuġġerixxi din il-konklużjoni u kemm l-ICERD u l-ECRI għamluha ċara li prattiki bħal dawn ma jiksrux il-projbizzjoni kontra d-diskriminazzjoni[6];

U. Billi l-Programm ta' Azzjoni adottat fil-Konferenza Dinjija 2000 kontra r-Razziżmu

[1] "Detectives draw up new brief in hunt for radicals," *The Times*, 28 ta' Diċembru 2005.
[2] Rapport tar-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar il-promozzjoni u l-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali waqt il-ġlieda kontra t-terroriżmu, paragrafu 62.
[3] Idem, paragrafu 61.
[4] Idem, paragrafu 40.
[5] Eż., sentenza tal-ECtHR fil-Każ *imishev v. Russia*, imsemmi hawn fuq.
[6] Opinjoni tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali dwar id-Deċiżjoni ta' Qafas tal-Kunsill għal Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) għall-iskop tal-infurzar tal-liġi, paragrafu 39.

iħeġġeġ lill-Istati "biex ifasslu, jimlimentaw u jinfurzaw miżuri effettivi biex jeliminaw "it-tfassil tal-profil razzjali"[1]; l-ECRI, fir-Rakkomandazzjoni Nru 8, imsemmija hawn fuq, dwar il-glieda kontra ir-razziżmu waqt li tkun qed isseħħ il-ġlieda kontra t-terroriżmu, staqsiet lill-gvernijiet biex jiżguraw li ebda diskriminazzjoni ma tirriżulta mil-leġiżlazzjoni u r-regolamenti jew l-implimentazzjoni tagħhom fil-qasam tal-infurzar tal-liġi; u li n-Netwerk tal-Esperti Indipendenti tal-UE dwar id-Drittijiet Fundamentali jemmen li l-profili tat-terroristi abbażi tal-karatteristiċi bħan-nazzjonalità, l-età jew il-post ta' twelid "jirrappreżentaw riskju kbir ta' diskriminazzjoni"[2];

V. Billi hemm il-bżonn ta' valutazzjoni komprensiva tal-prattiki investigattivi u s-sistemi tal-ipproċessar tad-dejta fi ħdan l-UE u l-Istati Membri li jużaw jew ifornu l-bażi għat-tekniki tat-tfassil tal-profil, sabiex jiżguraw konformità assoluta mal-obbligi legali nazzjonali, Ewropej u internazzjonali u jevitaw diskriminazzjoni mhux ġustifikata jew impatti li ma jirrispettawx il-privatezza;

W. Billi l-linji gwida li ġejjin għandhom japplikaw għal operazzjonijiet bħal dawn u billi l-protezzjonijiet kollha flimkien huma meħtieġa sabiex tkun ipprovduta protezzjoni sħiħa u effettiva;

1. Jindirizza dawn ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin lill-Kunsill:

   (a) l-ipproċessar kollu tad-dejta personali għall-infurzar tal-liġi u l-iskopijiet anti-terroristiċi għandu jkun ibbażat fuq regoli legali ppubblikati li huma ċari, speċifiċi u li jorbtu kif ukoll suġġett għal superviżjoni effettiva u mill-qrib minn awtoritajiet indipendenti tal-protezzjoni tad-dejta;

   (b) il-ġbir ta' dejta u l-użu ta' tekniki tat-tfassil tal-profil fir-rigward ta' persuni mhux suspettati b' reat speċifiku jew theddida għandhom ikunu suġġetti għal test ta' "neċessità" u "proporzjonalità" partikolarment strett;

   (c) dejta fattwali u tagħrif sigriet, kif ukoll dejta dwar kategoriji differenti ta' suġġetti tad-dejta, għandhom ikunu distinti b'mod ċar;

   (d) aċċess għal fajls tal-pulizija u tas-servizzi sigrieti għandhom jitħallew biss skont il-każ, għal raġunijiet speċifiċi, u jkunu taħt kontroll ġudizjarju fl-Istati Membri;

   (e) għandu jkun hemm limiti ta' żmien dwar iż-żamma ta' tagħrif personali;

   (f) il-ġbir tad-dejta dwar individwi abbażi biss tal-fatt li għandhom razza jew oriġini etnika partikulari, fidi reliġjuża, orjentazzjoni sesswali jew mġiba, opinjonijiet politiċi jew huma membri ta' movimenti partikulari jew organizzazzjonijiet li mhuwiex rikjest bil-liġi għandu jkun projbiti;

   (g) id-dipendenza ta' entitajiet privati jew pubbliċi fuq il-kompjuters biex jieħdu deċiżjonijiet dwar individwi mingħajr valutazzjoni umana għandha titħalla biss

[1] Rapport tal-Konferenza Dinjija kontra r-Razziżmu, id-Dikriminazzjon Razzjali, il-Ksenofobija u l-Intolleranza Relatata (A/CONF.189/12), Programm ta' Azzjoni, paragrafu 72.
[2] In-Netwerk ta' Esperti Indipendenti tal-UE dwar id-Drittijiet Fundamentali, "The balance between freedom and security in the response by the European Union and its member States to the Terrorist Threats" (2003), p. 21.

f'ċirkostanzi eċċezzjonali b'salvagwardji stretti;

(h) għandu jkun hemm salvagwardji qawwija stabbiliti mil-liġi li jiżguraw skrutinju ġudizzjarju u parlamentari xieraq u effettiv tal-attivitajiet tas-servizzi sigrieti u tal-pulizija, inklużi l-attivitajiet ta' kontra t-terroriżmu;

(i) minħabba l-konsegwenzi possibbli għall-individwi, l-appell għandu jkun effettiv u aċċessibbli b'tagħrif ċar dwar il-proċeduri applikabbli akkumpanjati minn drittijiet ta' aċċess u rettifika;

(j) leġiżlazzjoni eżistenti tal-KE għandha tkun eżaminata għall-ambitu li tagħti għat-tfassil tal-profil, u r-riforma tal-liġi għandha titqies jekk meħtieġ biex tevita kull ksur tad-drittijiet fundamentali;l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali għandha tingħata r-responsabilità li twettaq studju flimkien mal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta;

0

0 0

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-rakkomandazzjoni lill-Kunsill u, għal skopijiet ta' informazzjoni, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri.

19.12.2007

PROPOSTA GĦAL RAKKOMANDAZZJONI LILL-KUNSILL (B6-0483/2007)

skont l-Artikolu 114(1) tar-Regoli ta' Proċedura

mressqa minn Sarah Ludford

f'isem il-Grupp ALDE

dwar il-problema tat-tfassil tal-profil, b'mod partikulari abbażi ta' etniċità u razza, fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, fl-infurzar tal-liġi, l-immigrazzjoni, il-kontroll tad-dwana u tal-fruntieri

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra strumenti internazzjonali, Ewropej u nazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, bħalma huma l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-Karta tad-drittijiet fundamentali, u wara li kkunsidra d-drittijiet u l-garanziji li jingħataw lill-individwi fl-oqsma tal-privatezza u tal-protezzjoni tad-dejta u fil-qasam ta' kontra d-diskriminazzjoni, kif ukoll il-każistika relatata,

– wara li kkunsidra l-istrumenti Ewropej fil-qasam tal-ġlieda kontra t-terroriżmu, inkluża l-koperazzjoni bejn il-pulizija u l-ġudikatura u l-iskambju ta' informazzjoni u tagħrif sigriet bejn l-Istati Membri, bħalma huma d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/671/1/JHA dwar l-iskambju ta' informazzjoni u l-koperazzjoni fir-rigward ta' reati terroristiċi, id-deċiżjoni ta' qafas tal-Kunsill 2006/960/JHA dwar is-simplifikar tal-iskambju ta' informazzjoni u ta' tagħrif sigriet bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikulari fir-rigward ta' reati serji, inklużi reati terroristiċi, u d-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-koperazjoni transkonfinali, b'mod partikulari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u r-reati transkonfinali (l-Integrazzjoni tat-Trattat ta' Prüm fl-Ordni Legali tal-Unjoni)

– wara li kkunsidra l-Ftehima PNR UE-Stati Uniti kif ukoll il-proposta tal-Kummissjoni UE PNR (COM(2007)0654),

– wara li kkunsidra l-garanziji għall-protezzjoni tad-dejta, b'mod speċjali d-Direttiva 95/46/KE dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u d-Deċiżjoni ta' Qafas tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tad-dejta personali pproċessata fl-ambitu tal-koperazjoni bejn il-pulizija u l-ġudikatura f'affarijiet kriminali,

– wara li kkunsidra l-politiki tal-UE għal kontra d-dikriminazzjoni, b'mod partikulari d-Direttiva dwar l-Ugwaljanza bejn ir-Razez 2000/43/KE u d-Direttiva 2000/78/KE dwar l-Ugwaljanza fl-Impjiegi,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 114(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi jagħraf li l-effettività tal-koperazzjoni bejn l-awtoritajiet għall-infurzar tal-liġi fil-

ġlieda kontra l-kriminalità u t-terroriżmu tiddependi ħafna minn kemm dawn ikunu kapaċi jiksbu u jaqsmu bejniethom tagħrif u informazzjoni sigrieta f'waqthom,

B. billi dejta dwar etniċità, reliġjon u oriġini nazzjonali hija dejta personali sensittiva li hija protetta b'mod strett mir-regolamentazzjoni Ewropea, imma hija wkoll informazzjoni li kultant hija meqjusa bħala rilevanti għal investigazzjonijiet kriminali u għall-prevenzjoni tat-terroriżmu, u billi riċerka minn NGOs tindika li l-prattika tat-tfassil tal-profil qed tiżdied fl-oqsma tal-infurzar tal-liġi u tal-pulizija u hija mmirata lejn gruppi etniċi, razzjali u reliġjużi speċifiċi, kif ukoll għal min jipprotesta u min jivvjaġġa,

C. billi huwa konxju li l-isforz biex tinkiseb minn komunitajiet informazzjoni li hija vitali biex tirnexxi l-ġlieda kontra l-kriminalità u t-terroriżmu jista' jiġi mhedded b'mod serju min-nuqqas ta' fiduċja fl-infurzar tal-liġi u b'mod partikulari mill-biża' ta' impatt diskriminatorju,

D. billi huwa imħasseb għalhekk li l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea għal sistema ta' PNR ta' l-UE li tipprevedi l-ġbir ta' dejta personali ta' passiġġieri li jivvjaġġaw lejn l-UE tista' tipprovdi l-bażi għal tfassil tal-profil, inkluż dak ibbażat fuq razza u etniċità, ladarba tipprevedi 'it-tqabbil ta' dejta tal-PNR ma' taħlita ta' karatteristiċi u ta' mudelli ta' mġiba bl-iskop li tinħoloq evalwazzjoni tar-riskju u jistqarr li 'meta passiġġier jirriżulta li jaqbel ma' ċerta evalwazzjoni ta' riskju, dan allura jista' jiġi identifikat bħala passiġġier ta' riskju kbir',

E. billi jinsab imħasseb li xi Stati Membri u l-Kummissjoni ħabbru pjanijiet sabiex tinġabar u tinżamm dejta dwar passiġġieri li jidħlu jew joħorġu, li jistgħu wkoll iwasslu sabiex jinħolqu profili bbażati fuq dejta personali, inkluża dejta sensittiva,

F. billi fl-Opinjoni 4/2006 tan-Netwerk ta' Esperti Indipendenti dwar id-Drittijiet Fundamentali t-tfassil tal-profil etniku jew razzjali għandu jitqies li jmur kontra l-liġi, tkun xi tkun iċ-ċirkostanza,

G. billi huwa essenzjali li jiġu rrispettati d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, bħal pereżempju d-dritt għall-privatezza u l-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni, fil-liġijiet u l-politiki dwar is-siġurtà u l-infurzar tal-liġi,

H. billi jiddispjaċih jara li t-tħassib muri bosta drabi mill-Parlament rigward it-tfassil tal-profil ibbażat fuq razza, etniċità u mġiba fl-ambitu tal-protezzjoni tad-dejta, il-koperazzjoni fl-infurzar tal-liġi, l-iskambju tad-dejta u l-informazzjoni sigrieta, is-sigurtà tal-avjazzjoni u tat-trasport, l-immigrazzjoni u l-kontroll tal-fruntieri kif ukoll miżuri għal kontra d-diskriminazzjoni, baqa' ma ġiex indirizzat b'mod adegwat sabiex jinkiseb ftehim dwar prattika leġittima u sabiex jiġu identifikati xi lakuni legali;

1. Jindirizza dawn ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin lill-Kunsill:

   (a) l-infurzar tal-liġi għandu dejjem isir b'mod li jirrispetta l-protezzjoni tad-dejta, id-drittijiet fundamentali u l-prinċipju li m'għandux ikun hemm diskriminazzjoni;

   (b) għandha ssir riċerka, analiżi u diskussjoni politika dwar il-prattiki attwali tal-infurzar tal-liġi u tas-siġurtà li jirrikjedu tfassil tal-profil u evalwazjoni ta' riskju ta' natura

razzjali, etnika kif ukoll tal-imġiba, hekk li jsir kalkolu bejn il-ġustifikazzjoni u l-benefiċċji tagħhom meta mqabbla mal-ħsara li jagħmlu dawn il-prattiki,

(c) il-liġijiet attwali għandhom jiġu eżaminati rigward il-possibiltajiet li jħallu li jsir tfassil tal-profil u, jekk ikun meħtieġ, għandha tiġi kkunsidrata riforma tal-liġijiet sabiex jiġi żgurat li jkun evitat l-impatt diskriminatorju,

(d) jeħtieġ li tiġi stabbilita definizzjoni ta' użu leġittimu u użu illegali ta' dejta sensittiva personali fil-qasam tas-sigurtà u jeħtieġ li tiġi mħeġġa koperazzjoni akbar bejn l-aġenziji tas-sigurtà kkonċernati sabiex jinkiseb fehim aħjar tat-tfassil tal-profil biex dan jiġi indirizzat aħjar u li f'dan l-isforz isir xogħol flimkien mal-komunitajiet ikkonċernati;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-rakkomandazzjoni lill-Kunsill u, għal skopijiet ta' informazzjoni, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri.